MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 329/2009/1

**Anthony Seychell**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fit-2 ta' April, 2009, u li jaqra hekk:

"Illi permezz tal-Att tal-Akkuza Nru. 23/2006 l-Avukat Generali akkuza lill-esponent fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien fil-granet u x-xhur ta' qabel il-25 ta' Gunju tas-sena 2004 ikkoltiva l-pjanta cannabis; u fit-Tieni Kap illi fil-25 ta' Gunju 2004 kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis meta ma kellux l-awtorizzazzjoni necessarja mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-Regoli tal-1939, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

"Illi l-Avukat Generali talab fl-Ewwel Kap, minbarra l-piena ta' prigunerija, il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tieghu; u fit-Tieni Kap, minbarra l-piena ta' prigunerija, il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tieghu.

"Illi b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fil-5 ta' Marzu 2008 fl-ismijiet premessi, l-esponent gie ddikjarat hati kif hawn fuq imsemmi, u l-Onorabbli Qorti Kriminali, wara li qieset ic-cirkostanzi msemmija fis-sentenza, fosthom il-htiega li jinzammu proporzjon u relattivita` fil-pieni, wara li rat l-**artikoli 2, 8 (c) (d), 9, 10 (1), 12, 22 (1) (a) (2) (a) (i) (aa) (3) (3A) (a) (b) (c) (d)** u **26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101)** u r-**Regoli 4 (a), 8 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 tal-1939)** u l-**artikoli 23** u **533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, ikkundannatu ghall-piena ta' tnax-il sena (12) prigunerija, b'dan li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' €25,000, u jekk din il-multa ma tithallasx minnufih, tigi awtomatikament konvertita fi tmintax-il xahar (18) prigunerija ohra skont il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' €3,652.01, import tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process a tenur tal-**artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**. Jekk dawn l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum, dawn jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi. Barra minn hekk, l-Onorabbli Qorti Kriminali ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-

Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tieghu. Ordnat ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga kif indikat fl-isiess sentenza.

"Illi b'sentenza moghtija fit-12 ta' Marzu 2009, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza precitata fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Seychell"**, u b'hekk dik is-sentenza saret finali u konkluziva.

"Illi l-esponent jinsab f'posizzjoni li jipprova illi l-flus li ghandu fil-kont bankarju ma' HSBC Bank Malta p.l.c. m'humiex flus provenjenti minn xi reat taht l-imsemmija Ordinanza u lanqas inkisbu direttament jew indirettament permezz ta' xi profitti jew dhul provenjenti minn xi reat taht l-istess Ordinanza. Difatti, fil-guri saret analizi dettaljata tal-entrati kollha fl-imsemmi kont bankarju tieghu u rrizulta li l-flus kollha ghandhom provenjenza innocenti.

"Illi l-esponent sahansitra gab bhala xhud lill-persuna li hallsitu Lm1,000 biex tinhadem kcina peress li l-esponent ghandu s-sengha ta' mastrudaxxa.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata m'hiex profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht l-imsemmija Ordinanza (kemm jekk gie jew ma giex hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) u lanqas proprjeta` akkwistat jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawn."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi r-rikors promotor jikkontjeni hafna allegazzjonijiet rigward il-provenjenza tal-flus kemm depozati fil-kont bankarju u kemm il-flus li bihom allegatament ir-rikorrenti xtara l-proprjeta' konfiskata.

"Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda.

> "Illi r-rikorrenti ghandu jgib il-prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza ta' l-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultat ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu r-rikorrenti instab hati jew proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru, 2010, li biha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

> "... ... ... filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat datata 17 ta' April 2009 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-
>
> "(1) Tiddikjara li l-proprjeta` indikata f'din is-sentenza konsistenti f'kont bankarju mal-HSBC indikat f'dawn l-atti u ghad-depositi li hemm fih, (hlief ghall-ammont indikat ta' Lm1,000 ghar-ragunijiet fuq spjegati); d-deheb indikat f'dawn l-atti bl-ittri (a) sa (i) fl-affidavit tar-rikorrenti datat 3 ta' Awissu 2009, u il-vetturi Ford Fiesta, Ford Escort, Motorcycle Suzuki Intruder, u Motorcycle Suzuki 250 hekk konfiskati bl-imsemmija sentenzi citati mir-rikorrenti fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Seychell"** ma humiex profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht l-imsemmija Ordinanza (kemm jekk gie jew ma giex hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) u lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawn u ghalhekk tali ordni ta' konfiska fil-konfront tal-istess oggetti qed tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tali proprjeta ghandha tigi rilaxxata u tirreverti ghand ir-rikorrenti ghal kull effett u buon fini tal-ligi skont id-disposizzjonijiet appositi tal-**artikoli 22 C u 22 D tal-Kap. 101.**
>
> Illi minhabba c-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-procedura odjerna saret mir-rikorrenti skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 22 C tal-Kap. 101** sabiex jigi dikjarat li l-proprjeta’ ndikata f’dawn l-atti ma hijiex provenjenti minn profitt jew dhul mir-reati li taghhom ir-rikorrenti nstab hati skont l-artikoli appositi citati fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Anthony Seychell”**,datata 5 ta’ Marzu 2008 konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni tat-12 ta’ Marzu 2009, fejn apparti l-pieni hemm komputati giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern tal-flejjes jew proprjeta’ mobbli u mmobbli ohra tieghu.

“Illi dwar dan l-Avukat Generali eccepixxa li huwa oneru tar-rikorrenti li jipprova dan, u fil-verita’ hekk huwa b’dan li rikorrenti ghandhom jippruvaw li l-proprjeta’ konfiskata mhux derivanti mill-indikat reat u dan jista’ jkun li jsir bil-mod indikat fis-sentenzi **“Aldo Saliba vs Avukat Generali”** u **“Alex Saliba vs Avukat Generali”** ( (P.A. (JA) – 12 ta’ Marzu 2007- li trattat proprju l-**artikolu 22C tal-Kap. 101.**

“Illi r-rikorrenti qed jirreferi (a) ghal Savings Account ma’ HSBC Bank Malta plc li fiha qed jallega li l-flus li dahlu fl-istess kont huma provenjenti mill-paga li kienet tidhol fil-kont tieghu bis-sistema ta’ *direct credit*, (b) *entry* ta’ Lm1,000 li jallega li kien pagament li sar minn Frank Galea u martu bhala depositu ghal xoghol ta’ kcina li kien ser jaghmel; (c) isemmi wkoll *“*oggetti zghar tad-deheb” li gew ghandu b’wirt wara l-mewt ta’ ommu u li kienu ghandu meta kien zghir, liema oggetti huma indikati bl-ittri (a) sa (i) fl-affidavit tieghu datat 3 ta’ Awissu 2009; (d) Lm600 fi flus kontanti li kienu fid-dar tieghu; (e) vetturi Ford Fiesta, Ford Escort, Motorcycle Suzuki Intruder, u Motorcycle Suzuki 250; (f) oggetti fid-dar li jghid li kienu ta’ ommu.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti kien instab hati b-sentenzi citati tal-5 ta’ Marzu 2008 u 12 ta’ Marzu 2009 (Dok. “NC 2”; Dok. “NC 3”) li kien ikkoltiva l-pjanta cannabis u li kien fil-pussess tal-istess f’cirkostanzi li juru li ma kienux biss ghal uzu personali tieghu u fil-fatt il-kwantita’ kienet wahda sostanzjali ta’ tlett kilos u nofs; dan jinsab ikkonfermat naturalment mis-sentenzi relattivi, u wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara (Dok. “AG1”) li turi kif kien hemm process sabiex l-istess pjanta tigi kkoltivata u processata u ppakkjata (fol. 105); fix-xhieda tieghu datata 23 ta’ Frar 2010 r-rikorrenti jghid li tali kkoltivar kien kollu ghal uzu tieghu u li kellu xi mitt pjanta ta’ dan it-tip.

“Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien impjegat bhala *labourer* mill-1 ta’ Jannar 1992 u din il-Qorti thoss li gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-entrati ta’ pagi fil-kont

bankarju HSBC kienu derivanti mill-impjieg  tieghu mal-Ministeru tal-Kultura u dan jirrizulta mid-dokumenti kollha relattivi, kollha esebiti. Id-dhul tal-istess paga fil-kont bankarju indikat gie ppruvat u ghalhekk taht dan l-aspett u dwar l-istess kont it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha dan ghaliex tali fondi ma humiex provenjenti mir-reati li taghhom ir-rikorrenti nstab hati.

“Illi dwar l-ammont ta’ Lm1,000 indikat fl-istess kont bankarju u li nghad li dan inghataw minn certu Frank Galea lir-rikorrenti sabiex ir-rikorrenti jixtri xi materjal sabiex jahdem kcina u giet esebita wkoll kopja ta’ ricevuta datata 4 ta’ Mejju 2004 (fol. 224) u din ikkonfermata bil-gurament mill-istess Frank Galea. Izda din il-Qorti ma thossx li tali xhieda u prova hija verosimili dwar il-provenjenza ta’ tali flus tenut kont tal-fatt li l-akkuza li rikorrenti nstab hati ghaliha kienet tirreferi ghal “granet u xhur ta’ qabel il-25 ta’ Gunju 2004” u dan meta t-tfittxija mill-Pulizija saret proprju fil-25 ta’ Gunju 2004, u allura l-istess injam baqa’ ma nxtara qatt mill-istess rikorrenti u ghalhekk dwar dan, din il-Qorti taqbel ma’ dak sottomess mill-intimat fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu u dwar l-istess ammont qed tichad it-talba tar-rikorrenti.

“Illi dwar il-flus kontanti fl-ammont ta’ Lm660 (mhux Lm600) li nstabu fid-dar tar-rikorrenti jinghad li din il-Qorti ma thossx li r-rikorrenti ppruva sal-grad rikjest mil-ligi li tali flejjes ma kienux provenjenti mir-reati li taghhom ir-rikorrenti nstab hati, anke in vista tal-fatt li t-tfittxija mill-Pulizija saret proprju fil-25 ta’ Gunju 2004 u l-ahhar gbid tal-flus mill-ATM kien fl-24 ta’ Marzu 2004, u jidher li apparti l-impjieg tieghu fuq dikjarat, li l-introjtu tieghu kien jidhol direttament fil-kont bankarju medesimu tar-rikorrenti, huwa ma kellux dhul iehor. Ghalhekk it-talba fuq l-istess ammont ta’ flus kontanti qed tigi michuda.

“Illi dwar id-deheb indikat mir-rikorrenti din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz u fic-cirkostanzi tal-kaz odjern dwar l-istess, il-provi tar-rikorrenti huma sodisfacenti u jwasslu sal-grad tal-prova rikjest mill-ligi, u f’dan is-sens qed tiehu in konsiderazzjoni li l-valur tal-istess mhux wiehed kbir u wkoll li tenut kont li tali deheb kien ilu ghand ir-rikorrenti provi dokumentarji dwar l-istess huma difficli hafna sabiex jingabu. B’hekk it-talba dwar id-deheb qed tigi milqugha.

“Illi dwar il-vetturi din il-Qorti thoss li mix-xhieda u dokumenti prodotti u tenut kont l-istat tal-istess vetturi, l-allegazzjoni tar-rikorrenti f’dan ir-rigward qed jigu accetati u allura t-talba dwar l-istess qed tigi milqugha.

> “Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha biss fil-kuntest tal-kont bankarju mal-HSBC indikat f’dawn l-atti u ghad-depositi li hemm fih, hlief ghall-ammont indikat ta’ Lm1,000 ghar-ragunijiet fuq spjegati; ghad-deheb indikat f’dan l-atti bl-ittri (a) sa (i) fl-affidavit tar-rikorrenti datat 3 ta’ Awwissu 2009; u ghall-vetturi Ford Fiesta, Ford Escort, Motorcycle Suzuki Intruder, u Motorcycle Suzuki 250.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> “… … … tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-talba tar-rikorrent u ddikjarat li l-proprjeta` konsistenti f’kont bankarju ma’ HSBC Bank Malta plc indikat f’dawn l-atti u d-depoziti li hemm fih, kif ukoll id-deheb indikat f’dawn l-atti bl-ittri (a) sa (i) fl-affidavit tar-rikorrent datat 3 ta’ Awwissu 2009, kif ukoll il-vetturi Ford Fiesta, Ford Eskort, Motorcycle Suzuki Intruder u Motorcycle Suzuki 250, ma humiex profitti jew dhul mill-ghemil ta’ xi reat taht l-Ordinanza u lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawn, u ghalhekk gew kollha rilaxxjati lura lir-rikorrent, u fir-rigward tal-ammont ta’ Lm1,000 imhallsa minn Frank Galea lill-esponent biex jixtri l-materjal halli jahdimlu kcina (li fil-fatt inhadmet), u tirrevokaha u thassarha wkoll in kwantu ma laqghetx it-talba tar-rikorrent fir-rigward tal-ammont ta’ Lm660 li kienu fid-dar tal-esponent dakinhar li gew il-Pulizija, u tghaddi biex tilqa’ t-talbiet kollha attrici.  Bl-ispejjez.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> “… … … biex, filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn giet ikkonfermata l-ordni ta’ konfiska fil-konfront ta’ elf lira Maltin (Lm1000) ekwivalenti ghal cirka elfejn, tlett mija u tlieta u tletin Ewro (€2,333) mid-depoziti fil-kont bankarju HSBC f’isem l-appellat, filwaqt li tikkonferma wkoll il-parti tas-sentenza li ordnat ir-rilaxx tal-vetturi u d-deheb, joghgobha thasar u tirrevoka l-kumplament tal-imsemmija sentenza, u minflok, tordna l-konferma tal-ordni ta’ konfiska kwantu ghad-depoziti rimanenti (minbarra dawk l-elf lira Maltin (Lm1000)

> imsemmija) fil-kont bankarju HSBC f'isem l-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat iz-zewg risposti li kull parti ressqet ghall-appell tal-parti l-ohra li in forza taghha kull parti, ghar-ragunijiet minnhom premessi, cahdu l-pretensjonijiet tal-parti l-ohra, u kull wiehed talab li l-appell tal-parti l-ohra jigi michud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza kien instab hati mill-Qorti Kriminali ta' koltivazzjoni u pussess tal-pjanta cannabis u apparti li nghata piena ta' habs u gie ikkundannat ihallas multa, giet ordnata wkoll il-konfiska favur il-gvern tal-oggetti marbuta mar-reat u tal-proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, bi flus ta' provenjenza illecita. Hemm hames kategoriji ta' oggetti jew flus li taghhom l-attur talab ir-rilaxx a bazi tal-provvedimenti tal-ligi li jawtorizzaw ir-rilaxx ta' proprjeta` li ma jkunux provenjenti minn profitti jew dhul illecitu. Dawn il-hames kategoriji huma s-segwenti: (a) Savings Account

mal-HSBC Bank; (b) entry partikolari ta’ Lm1000 fl-istess kont; (c) oggetti zghar tad-deheb; (d) Lm660 fi flus kontanti li kienu fid-dar u (e) diversi vetturi.

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha irrilaxxat il-kategoriji (a) (c) u (e), u minn din il-parti tas-sentenza appella l-konvenut fil-konfront biss tal-partita inkluza fil-kategorija (a). Dwar l-ordni tar-rilaxx tal-oggetti zghar tad-deheb (kategorija (c)) u tal-vetturi (kategorija (e)) ma tressaq ebda appell. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghar-rilaxx tal-oggetti indikati fil-kategoriji (b) u (d), u kontra din il-parti tas-sentenza tressaq appell da parti tal-attur.

Qabel ma titratta l-appell din il-Qorti tirribadixxi illi, f’kawza ta’ din ix-xorta, huwa l-attur li jrid jipprova li l-oggetti in kwistjoni ma jkollhomx rabta mar-reat li tieghu instab hati u li l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Bajada et v. L-Avukat Generali et.** deciza fit-28 ta’ Marzu, 2014, “*il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta’ perswazjoni huwa biss fuq bazi ta’ probabbilita*`” (ara wkoll **Abela v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Ottubru, 2005).

Trattat l-ewwel appell tal-konvenut, dan ressaq punt interessanti dwar il-materja. Hu jghid li ghalkemm il-flus fil-kont mal-HSBC Bank Malta plc gejjin

"*minn sorsi leciti*", dawn l-istess flus ghandhom jitqiesu "*tainted*" b'illecita` peress illi jirrizulta li l-appellant ma kienx qed jaghmel uzu minn dawn il-flus peress illi kien qed jghix minn introjtu iehor diehel minn sorsi illeciti. Jirrizulta li l-appellant kien impjegat bhala labourer mal-Ministeru tal-Kultura u l-paga tieghu kienet titpogga b'mod awtomatiku fl-imsemmi kont li ghandu mal-bank imsemmi. Il-konvenut jargumenta illi ghalkemm mhux kontestat li l-flus gejjin minn sorsi leciti, li kieku l-appellant ma kellux introjtu iehor illecitu, hu ma kienx ikun f'posizzjoni li d-depoziti bankarji provenjenti mix-xoghol tieghu ihallihom hemm minghajr ma jutilizzahom biex jghix. Il-flus fil-kont bankarju gew akkwistati ghalhekk, qed jigi sottomess, b'mod <u>indirett</u> minn agir illecitu, u dan fit-termini tal-Artikolu 22 c (1) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Din il-Qorti qieset sew dan l-argument u tara li tista' taqbel mieghu. Il-vantagg li jrid jiehu l-appellant mis-sors lecitu ta' dawn il-flus, huwa vantagg marbut mal-attivita` illecita tieghu. Jirrizulta mill-provi illi l-appellant kien ilu tlett xhur ma jigbed flus mill-bank qabel l-arrest tieghu, li jfisser li hu kien qed jghix minn flus kontanti li taghhom ma giet ipprezentata l-ebda provenjenza lecita. Fi kliem iehor, dawn il-flus ghadhom hemm ghax l-appellant inqeda bi flus ta' natura illecita.

Din il-Qorti, hadet spunt ghal dan il-hsieb, mill-kawza **Grech v. Gauci**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 1954. Dik il-kawza kienet *actio de in rem verso* li kif inhu maghruf, trid biex tissustixxi arrikiment jew gwadan ingust. F'dik il-kawza, l-eredi tad-decujus sabu patrimonju tajjeb fl-assi tal-genituri taghhom, liema patrimonju baqa' mhux mittiefes ghal hafna snin peress illi l-genituri kienu qed jghixu u jigu mantnuti minn wiehed minn uliedhom. L-eredi l-ohra argumentaw li ma hadu ebda gwadan jew "vantagg" b'dak li ghamel wiehed minn huthom, ghax ma kienx hemm awment fil-patrimonju tal-genituri. Il-Qorti qalet pero`, li l-fatt li patrimonju ma tnaqqasx huwa "vanatagg", rizultat dirett tal-agir ta' wiehed minn huthom li kien jonfoq minn butu ghall-ghixien tal-genituri tieghu, u dan irid, ghalhekk, jigi kumpensat.

Anke f'dan il-kaz, il-patrimonju tal-appellant fl-imsemmi bank baqa' ma tnaqqasx, rizultat dirett tad-dhul li kellu mill-attivita` illecita, u la hu hekk, dan il-"vantagg" ghandu, zgur indirettament, provenjenza illecita u l-appellant ma ghandux jithalla jgawdi mill-istess. L-appellant kellu l-possibilita` li ma jmiss xejn mill-flus li kienu qeghdin jidhlu fil-kont bankarju bhala paga, izda dan il-"vantagg" sehh proprju ghaliex kellu fondi li seta' jghix bihom u li provi ta' provenjenza lecita taghhom ma ngabux.

Kwindi, din il-Qorti tara li l-aggravju tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi milqugh.

Fil-kuntest tal-appell tal-attur, din il-Qorti tara li dwar l-Lm1000 fil-kategorija (b), jista' jintuza l-istess argument li ghadu kemm intuza aktar qabel.  Din is-somma jista' kellha provenjenza lecita, pero`, tista' titqies bhala profitt indirett mir-reati li taghhom instab hati, stante li l-appellant kien qieghed imantni lilu nnifsu bi flus ohrajn li ma kienux parti mid-depozitu bankarju tieghu, kif jidher mir-rendikont bankarju li juri l-hrug li sar u meta sar mill-imsemmi kont.

Apparti dan, l-ewwel Qorti, li semghet il-provi, lanqas ma kienet konvinta bil-provenjenza lecita ta' din is-somma flus, u ma jirrizultax li l-apprezzament diskrezzjonali tal-ewwel Qorti kien "*manifestament ezercitat hazin*" b'mod li jwassal lil din il-Qorti tiddisturba ir-rizultanzi tal-ewwel Qorti (**Vella v. Bernard Hotel Ltd.**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-17 ta' Ottubru, 2008).

Din il-Qorti mhix se tqis il-"provi godda" li l-appellant ressaq f'dan l-istadju tal-appell (ritratt u affidavit ta' Karen Galea), u dan peress li din mhix prova li ma setghetx issir fil-pendenza tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u anke ghaliex l-appellant qieghed, b'din il-prova, jipprova jikkorobora prova li, fil-fehma tieghu, kien diga` ghamel, u jekk dik il-prova tirrizulta mankanti, ma jistax issa, appellant, jipprova "jibni" fuqha bi prova gdida.

Fil-kuntest tas-somma ta' Lm660 li giet elevata mid-dar tal-appellant, anke hawn din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-analizi tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Kif gia` intwera, f'kawzi ta' din ix-xorta huwa l-attur li jrid jipprova l-provenjenza legittima tal-flus li jrid li jigu rilaxxati, u fil-fehma tal-ewwel Qorti, din il-prova ma saretx. Meta tqis li l-paga tal-appellant kienet tidhol kollha fil-kont bankarju tieghu, u li din ma ntuzatx ghal tlett xhur, wiehed bir-ragun jiddubita fuq minn fejn giet din is-somma ta' Lm660. Il-konfiska li ordnat il-Qorti Kriminali saret skont il-ligi, u l-appellant kellu obbligu li jipprova minn fejn gab dawn il-flus u kif kien qed imantni lilu nnifsu, tenut kont tal-fatt li hu kien jghix wahdu. Kif osserva l-konvenut, jekk wiehed jezamina l-izbanki li ghamel l-appellant mill-kont bankarju tieghu fl-ahhar xhur qabel l-arrest tieghu, ma jirrizultax li ngibdu flus li jammontaw ghal din is-somma, u ghalhekk, l-appellant kellu jgib prova minn fejn gew dawn il-flus u prova wkoll li dawn il-flus kienu nodfa, haga li l-appellant ma ghamilx.

L-appell tal-attur qieghed ghalhekk jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Anthony Seychell billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonferma l-istess, <u>b'dan</u> li thassarha fejn ordnat ir-rilaxx tal-flus fil-kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc indikat f'dawn il-proceduri, (kategorija (a))

u minflok tichad it-talba tal-attur fil-konfront ta' dawn id-depoziti u tikkonferma l-ordni ta' konfiska fil-konfront tal-istess.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-attur Anthony Seychell appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------